# Ġ 5.3 IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA



**Ġ5.3.3**

Noti fuq kif isir is-Sajd tal-Lampuki.

Riċerka: Etienne Vella / Ħajr: Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura

## Is-Sajd tal-Lampuki



Il-Lampuki ma jinqabdux is-sena kollha, u jinqabdu **bix-xibka,** jew **bir-rixa** mhux bil-qasba.

Is-sajjieda joħorġu 'l barra ħafna biex jaqbdu l-lampuki. Ġieli jdumu 3 jew 4 t'ijiem bejn sema u ilma.

L-istaġun tal-lampuki jibda fil-**15 t'Awwissu,** imma s-sajjieda jibdew jippreparaw u joħorġu jagħmlu **l-kannizzati** sa minn Lulju.

**Kannizzata tkun bħal ċattra kbira magħmula minn sufri, xkejjer, weraq tal-palm, qasab u affarijiet oħra li jżommu f'wiċċ l-ilma.**



Dawn jintrabtu flimkien u jagħmlu qisu saqaf f'wiċċ l-ilma ħalli l-lampuki jidħlu taħtu biex jistkennu mix-xemx.

Biex il-kannizzata ma tinġarrx mill-kurrent, jorbtuha tajjeb bil-ħbula ma' kanten/ġebel li jkunu xeħtu f'qiegħ il-baħar.

Fil-wiċċ fuq il-kannizzata jkun hemm xi baga jew sufra biex is-sajjieda jagħrfu li hi l-kannizzata tagħhom. Din tissejjaħ ukoll **ċima**.



Is-sajjieda joħorġu bl-inġenji tagħhom, bħal luzzu, u meta jaslu ħdejn il-kannizzati **jużaw r-rixa** biex iressqu l-lampuki lejhom. Wara **jdawru l-kannizzata bix-xibka** u l-lampuki jew fanfri jinqabdu fix-xibka.

Il-ħut imbagħad jitpoġġa fil-**kavetti,** kaxex fejn jistivaw il-ħut biex jittieħed il-pixkerija. Fuq il-luzzu jkun hemm **il-patrun**, li jkun is-sid, u jkollu xi erba' sajjieda oħra biex jgħinuh.

Tajjeb li ngħidu li l-lampuki jinqabdu wkoll **bir-rixa**. Ir-rixa hija bħal ħabel twil li jkollu ħafna snanar. Is-snanar ikunu moħbijin b'rixa jew oġġetti oħra.
Tipi oħrajn ta' ħut li jinqabdu fl-istaġun tal-lampuki huma l-**fanfri, ċervjoli u t-tonn**.



lampuki